MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 212/2003

**Vincent Brincat**

**Vs**

**Grech's Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur is-somma ta' elfejn, hames mija u ghoxrin lira u seba' centezmi (Lm2,520.07) bilanc minn somma akbar, prezz ta' servizz ta' reklamar esegwit mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-imghaxijiet mill-1 ta' Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tas-27 ta' Frar, 2002, ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Dicembru 2002, u tal-mandat ta sekwestru prezentat ma' l-avviz kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 10 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li r-reklamar li tieghu qed jintalab il-hlas sar minghajr awtorizzazzjoni tas-socjeta' attrici u kien l-attur stess li kien qabad u minn rajh ghamel l-istess reklamar.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, in sostenn ta' dak kif eccepit mis-socjeta konvenuta, din ma pproduciet ebda hjiel ta' prova (ara, f'dan ir-rigward fol 12, fol 26 u fol 27 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi l-attur, kemm oralment kemm permezz ta' dokumenti (fol 13 sa fol 25 tal-istess atti) spjega kif l-ammont pretiz fl-avviz kien dovut u dan in rigward bilanc ta' prezz ta' servizz ta' reklamar esegwit mill-istess attur fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta (ara b'mod specjali l-istatement a fol 18 tal-atti u ffirmat kif ukoll accettat bhala dovut, mill-istess socjeta konvenuta).

Ikkunsidrat

Illi, a basi ta' dak premess, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dan il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm2520.07 bl-imghaxijiet legali mil-ewwel (1) ta' Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra bonarja tas-27 ta' Frar 2002 u ta' dik ufficjali tal-20 ta' Dicembru 2002 oltre dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tal-11 ta' April 2003, imsemmi fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------